MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1280/2003

**Exco Services Limited**

**vs**

**Linked Gaming Technologies Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm121.70) liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal erbgha u sittin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm64.20) skond fattura datata l-1 ta' Jannar, 2002, u (b) kwantu ghal sebgha u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm57.50) skond fattura datata 2 ta' Jannar 2003, dan kollu in konnessjoni ma' servizzi ta' "company secretary" dovuti bil-quddiem skond kif miftiehem**

**bejn il-partijiet (kopji tal-fatturi annessi Dok.A u Dok.B rispettivament).**
**Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra nterpellatorja datata ghoxrin (20) ta' Mejju, 2003, u bl-imghax mid-dati tal-hrug tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm121.70) bl-imghax legali dekorribli mil-1 ta' Jannar, 2002 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata ghoxrin (20) ta' Mejju, 2003, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------